# IC-CENA EBRAJKA






L-Ghid  (Pésah) ghadu sal-gurnata tal-lum ghall-Lhud wahda mit-tlett festi kbar tar-religjon taghhom.
Matul l-Ghid l-Lhud jiftakru fil-hniena li wera maghhom snin u snin ilu permezz ta' ikla: Jikkommemoraw il-hrug taghhom mill-jasar ta' Farawn gewwa l-Egittu, meta Mose' il-qaddej ta' Alla mexxihom fid-dezert u flimkien qasmu l-Bahar lk-Ahmar, wara li kielu ta' malajr il-haruf mxwi , haxix morr u hobz bla hmira.
Anki Gesu' iccelebra din ic-cena ma' l-Appostli tieghu, jum qabel ma halla hajtu ghalina ghas-salvazzjoni taghna.
Ir-rit ta' din l-ikla ghandu hafna sinjali li jaghtu tifsira sinifikanti lil Lhud. Naraw x'inhuma flimkien:

## IL-KANDELABRU B'SEBHGA FRIEGHI (MENORAH)



Huwa kandelabru li fiz-zminijiet l-imghoddija kien jinxteghel gewwa s-Santwarju ta' Gerusalem biz-zejt imqaddes.
Huwa wiehed mis-simboli l-izjed antiki tar-religjoni ebrajka. Skont it-tradizzjoni l-Menorah jissimboleggja l-arbuxell jaqbad minn fejn Alla kellem lil Mose fuq il-muntanja Horeb.

## IL -KALLOTTRA (KIPPAH)



Il-kallottra hija ghata ghar-ras uzata mill-Lhud rgiel fundamentalisti gewwa il-postijiet ta' kult. Hija uzanza li tfisser sinjal ta' rispett lejn Alla u ghaldaqstant kull ghata ghar-ras hija addattata.

**IL-HOB AZZMU (BLA HMIRA)** (MATZAH)



Simbolu tax-xoghol tal-bniedem li jbati hafna u jitlob iz-zmien biex jaghmlu. Mill-qamha ghat-tqieq, mit-tqieq ghal ghagna, tithallat ma ftit hmira, tithalla toqghod sakemm l-ghagna titla kollha, biex fl-ahhar tinhema fil-forn. Immagina ftit kemm stadji biex ikollok hobza fuq il-mejda.

Imma fl-ikla ta' l-Ghid kienet tithalla barra l-hmira ghalhekk kienu jsejhulha hobz azzmu. Dan kien ifakkarhom fil-ghaggla biex jaharbu mill-Egittu; ma kellhomx zmien u hin biex jistennew l-ghagna titla', riedu jaharbu malajr. Anki hija sejha ghal umilta' quddiem Alla ghaliex il-hmira tonfoh l-ghgna kif is-suppervja tonfoh qalb il-bniedem.

**L-INBID** (VAYN)



L-inbid hu simbolu ta' festa u radd il-hajr. L-gheneb li minnu jsir l-inbid fit-Testment il-Qadin jindika ir-rapport strett tal-poplu ma' Alla.
Li tgholli il-kalci bl-inbid hu sinjal ta' benedizzjoni u radd il-hajr.

**IL-HARUF MIXWI**



Il-haruf mixwi hu l-oggett principali ta' l-ikla; demmu heles lil l-ewwel wild tal-Lhud f'dik il-lejla meta l-anglu tal-Mulej ghadda minn fuq id-djar fl-Egittu u qatel l-ewwel wild ta' kull mahluq, barra fejn ra il-koxxox tal-bibien mahsula bid-demm tal-haruf. Il-haruf ifisser Kristu ssagrifikat biex jehlisna minn dnubietna.

**IL-HAXIX MORR**



Il-haxix morr kien ifakkar lil-poplu fil-morr u fit-tbatijiet li sofra gewwa l-Egittu. Huwa simbolu tad-dwejjaq li jahkimna meta nitilfu l-ferh. Infatti meta nghixu fid-dnub hajjitna tkun qarsa u morra.

**IL-BAJD IEBES**



Il-bajd iebes mahruq fuq fjamma u mgharraq fl-ilma bil-melh iffakkarhom fl-imhabba ta' Alla.